# QORTI TA' L-APPELL CIVILI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 31**

**Cit. Nru. 1153/92 JF**

**John Dingli ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Dingli Co. International Ltd. u dina bhala Agent, ghan-nom u in rappresentanza ta' The Performing Rights Society Ltd. ta' Londra**

**vs**

**Frank Aquilina bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Eagle Knitwear Co. Ltd.**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

Is-socjeta' attrici hekk ipprocediet kontra s-socjeta' konvenuta quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc:-

"Peress illi l-konvenut nomine fil-fabbrika minnu gestita: "Eagle Knitwear Co. Ltd." F'Notabile Road, Mriehel, permezz ta' Radio Casette Player u/jew mezz iehor mekkaniku, installat fl-imsemmija fabbrika, ikkomunika lill-pubbliku, jew gieghel lil haddiehor li jikkomunika lill-pubbliku muzika tutelata ossia "Copyright" u kontrollata mis-Socjeta' attrici, billi fit-28 ta' April, 1992, fit-30 ta' April, 1992 u fil-11 ta' Mejju, 1992, fost affarijiet ohra ikkomunika lill-pubbliku x-xogholijiet muzikati intitolati l-"Absolute Beginners", "Touch me", "With a little help from my Friends", "Changes", "Are you ready to Fly", "Temple of Love", u "Live and Let Die";

U peress ilii l-konvenut nomine ma kienx ottjena l-licenzja ta' l-attur nomine sabiex jikkomunika lill-pubbliku 'l fuq imsemmija xogholijiet skond kif inhu minnu rikjest ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 196 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta 1984 (Att Nru. VI tal-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur), u li hekk gie li ttrasgredixxa d-drittijiet ta' l-Awtur vestiti fl-Attur nomine;

U peress illi, nonostante illi l-attur nomine interpella lill-konvenut nomien, anke gudizzjarjament, sabiex jottempera ruhu mal-ligi billi japplika ghall-hrug tal-licenzja relattiva, dan baqa' ghal kollox inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

(1) M'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut nomine ttrasgredixxa d-drittijiet ta' l-awtur vestiti fl-attur nomine fuq xogholijiet muzikali fuq premessi, tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur nomine penali ta' mhux inqas minn ghaxar liri Maltin (Lm10) u mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm500) kif dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz ai termini ta' l-Artikolu 13 (3) tal-Kapitolu 196 ta' l-Edizzjoni Rivedura tal-Ligijiet ta' Malta 1984 (Att VI ta' l-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur); u

(2) M'ghandux jigi inibit milli fil-fabbrika "Eagle Knitwear Co. Ltd." f'Notabile Road, Mriehel, jikkomunika lill-pubbliku muzika tutelata ossia "Copyright" u kontrollata mis-Socjeta' attrici sakemm ma jkunx applika u ottjena l-licenzja relattiva minghand l-attur nomine, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 196 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta 1984

(Att VI ta' l-1967 Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur) – taht il-pieni komminati mil-Ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni ta' l-ordni li jigi moghti fuq dina id-domanda;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-5 ta' Gunju, 1992, kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni".

**Eccezzjonijiet**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet ghat-talbiet attrici li dawn kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress li kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:-

1) mhux minnu li l-konvenut nomine ikkomunika xoghol protett permezz ta' xi mezz mekkaniku istallat fil-fabbrika tieghu; u

2) kwalunkwe muzika li setghet indaqqet fl-imsemmija fabbrika setghet kienet gejja minn xi *portable radio casettes* propjeta' ta' xi mpjegati individwali li jkun qed jisma' l-istess muzika ghall-uzu tieghu personali u privat.

**Decide**

B'sentenza tad-19 ta' Gunju, 1995, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonjiet tal-konvenut nomine irrespingiet it-talbiet attrici kif dedotti, b'dana pero' li in vista tal-fatti

specjali tal-kaz, il-kap ta' l-ispejjez kellu jibqa' minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur nomine qieghed jitlob li l-kontroparti tigi kkunsidrata li f'din il-kawza l-attur nomine qieghed jitlob li l-kontroparti tigi kkundannata thallas penali skond il-ligi minhabba li hija ttrasgrediet il-ligi dwar id-drittijiet ta' l-awtur u li tigi wkoll inibita milli tkompli bl-agir taghha sakemm hija ma tottjenix debitata licenzja skondi l-ligi.
>
> Dwar fatti, l-attur nomine qieghed jippremetti li sar u instema' daqq ta' musika tutelata in kwantu koperta bil-"copy right" appartenenti lilu, liema daqq sar fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta Eagle Knitwear Co. Ltd li qeghda f'Notabile Road, Imriehel. L-attur nomine jispecifika li d-daqq sar "permezz ta' radio casette player u/jew mezz iehor mekkaniku, installat fl-imsemmija fabbrika". L-attur isemmi wkoll numru ta' kanzunetti bit-titlu rispettiv taghhom li nstemghu minbarra u b'hekk ighidu li l-konvenut nomine "ikkomunika lill-pubbliku, jew gieghel lil haddiehor li jikkomunika lill-pubbliku muzika tutelata".
>
> Il-konvenut nomine ma jikkontestax id-dritt ta' l-atturi nomine li jagixxi in proprja tutela tal-muzika msemmija fil-korp tac-citazzjoni. Il-konvenut nomine jichad pero' li huwa kkomunika xoghol permezz ta' xi mezz mekkaniku installat fil-fabbrika tieghu. Huwa jikkoncedi biss il-possibilita' ta' daqq emess minn xi radio casette portabili proprjeta' ta' xi impjegati individwali ghall-uzu personali u privat tal-istess impjegat.
>
> Il-Qorti ezaminat kemm ix-xhieda dwar il-fatti kif ukoll id-diversi sentenzi msemmijin mill-attur nomine.
>
> Mill-provi jirrizulta li tassew sar daqq ta' muzika tutelata bid-dritt tal-awtur fil-fabbrika gestita mis-socjeta' konvenuta waqt il-hin tax-xoghol u b'mod li din l-istess muzika setghet tinstema' minn

barra. Dwar dan xehed estensivament Edgar Bonnici Cachia, li kkwalifika ruhu bhala "spettur" imjegat mal-attur nomine bl-inkarigu specifiku li jaghmel spezzjonijiet ghal gharrieda ma' diversi stabbilimenti u fabbriki bl-iskop specifiku li jara tindaqqx muzika tutelata, u jekk dan ikun il-kaz, allura jirreferi lura lid-dirigenti tas-socjeta' attrici. Min-naha taghha, din titlob lil min ikun qed jaghmel tali uzu u jhegguh jottjeni licenzja bi hlas li jkun allura jintitolah li jdoqq muzika simili. Fil-kaz in ezami, Bonnici Cachia jghid li mar fil-fabbrika de quo u min barra sama' numru ta' kanzunetti jindaqqu b'volum gholi x'aktarx permezz ta' radju ghalkemm b'ghajnejh huwa ma ra xejn. Wara kuntatti mal-konvenut nomine biex dan ihallas ghall-hrug ta' licenzja biex idoqq, l-attur nomine kellu jagixxi bil-Qorti peress li l-konvenut nomine m'accettax u ma riedx ihallas ghal tali licenzja u dan ukoll billi sostna li huwa ma kienx qieghed jikkomunika mal-pubbliku.

Ma hemmx dubbju li fabbrika ghandha titqies bhala post pubbliku u dan partikolarment meta fih ikunu qieghdin jahdmu numru ta' impjegati u jkollha access ghall-pubbliku. Ghaldaqstant in kwantokke' fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta kienet qieghda tindaqq muzika jista' jigi konkluz li dan id-daqq ukoll kien qieghed isir f'post pubbliku.

Id-diffikolta' tal-kawza odjerna gej mill-fatt li <u>ma jirrizultax</u> mill-provi li l-konvenut nomine kkomunika lill-pubbliku tali muzika permezz ta' apparat installat fl-imsemmija fabbrika. Lanqas ma jirrizulta li huwa <u>qieghel</u> lil haddiehor li jaghmel dan. Li jirrizultalhu li xi impjegati kellhom radio personali u li dawn ghamlu uzu minnu billi <u>daqqewh</u> fl-imsemmija fabbrika u dan b'mod li seta' jinstema' minn barra. Fid-decizjoni "Av Dr K.F. Dingli vs H. Hunt" moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Jannar, 1992 gie konsidrat kaz fejn il-konvenut kien qieghed idoqq muzika permezz ta' apparat (radio) li <u>jappartjeni lilu</u>. Dik il-Qorti qalbet id-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti u rriteniet li f'dak il-kaz, it-trasgressur kellu jigi inibit mill jkompli jaghmel tali uzu. Jigi pero' rilevat li f'dik l-istess sentenza gie ritenut li

> "jekk min jircievi tali xandira jaghmel <u>uzu privat</u> minn tali xandira, allura ma hemm bzonn ta' licenzja da parti tar-ricevitur. Jekk min jircevi x-xandira, <u>jikkomunika lill-pubbliku</u> tali xandira, allura tinhtieg il-licenzja.
>
> Diga intqal, pero', li mill-provi ma rrizultax li r-ricevitur f'dan il-kaz kien il-konvenut nomine. Fil-kaz l-iehor citat mill-attur nomine, jigifieri "Dingli vs Tabone et nomine" deciz mill-

Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1995, kif diversament presjeduta saret riferenza ghal dak li gie ritenut in re "Mallia nomine vs Fenech et noe" (Koll XLIII -.144) jigifieri li,

"Anki fil-kaz ta' esekuzzjoni ta' muzika moghtija f'fattorija, limitata ghall-haddiema fil-hinjiet tax-xoghol, gie ritenut li kienet "performance in public", ghax dawk il-haddiema kienu potenzjalment parti mill-pubbliku ta' l-awtur (Ara Copinger Stone James on Copyright pp. 186-187)".

Pero' f'dan il-kaz, "Dingli vs Tabone et nomine" irrizulta l-muzika li ndaqqet kienet sehhet gewwa fabbrika "li kienet attrezzata b'sistema appozita biex il-muzika tkun tista tinstema' minn kull rokna tal-fabbrika, fejn ikun hemm il-fabbrika". Ghaldaqstant, il-fattispecji ta' dan il-kaz ukoll huma kemm xejn differenti minn dawk in ezami. Kienet korretta, mela l-Qorti fil-precitat kaz li tikkonkludi li "s-socjeta' konvenuta ikkomunikat din il-muzika sabiex tiehu vantagg specifiku minn tali komunikazjoni. Izda dan ma jistax japplika ghall-kaz ta' uzu personali minn numru zghir ta' impjegati. Joseph Tanti, haddiem mal-konvenut nomine (fol. 66) ghal aktar minn 24 sena, xehed li l-P.A. System qatt ma ntuza ghal xi diski. Kien hemm radio zghir tieghu ghall-uzu personali tieghu. Impjegati ohrajn ukoll kienu jgibu radio taghhom, fosthom ix-xhud Marian Grima (fol. 67/68). Ix-xhud ta' l-attur nomine, Edgar Bonnici Cachia, xehed li l-muzika seta' jismaghha cara u qawwija sufficjentement mill-estern tal-fabbrika izda l-apparat huwa ma rahx, semghu biss b'widnejh.

Il-ligi dwar id-drittijiet tal-awtur tispecifika f'hiex jikkonsistu dawn id-drittijiet u x`hinu eskluz. Dan insibuh fl-art 7A (1) tal-Art 13 (1) imbaghad insibu li gej,

"Id-drittijiet ta' l-awtur jigu trasgrediti minn kull persuna li taghmel jew iggieghel lil haddiehor li jaghmel, minghajr licenzja tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet, att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur".

Jekk tapplika dan mal-fatti tal-kaz, ghandu jirrizulta li

1. Il-konvenut nomine m'ghamel l-ebda att in trasgressjoni tal-ligi; u
2. lanqas ma gieghel lil haddiehor biex jaghmel hekk.

Fi kliem iehor, lanqas jidher li l-ligi tikkontempla dawk il-kazi fejn xi hadd jippermetti daqq ta' muzika f'post li jkun tieghu permezz ta' apparat personali u privat ta' dak li jkun qieghed idoqq, ossija

jircievi l-muzika. Fil-kawza “Dingli vs Borg et” deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, fid-9 ta’ Marzu, 1993, oltre li l-konvenut baqa’ kontumaci, rrizulta li t-trasgressur kien il-konvenut stess u mhux haddiehor. Il-Qorti tikkoncedi li dan il-kaz huwa proprju f’zona eccezzjonali minn punto di vista legali biex tiddeciedi naha jew ohra ghaliex huwa veru wkoll li indirettament il-konvenut nomine ikun qed jiehu xi fatt vantagg mill-fatt li l-impjegati tieghu qeghdin jithallew jisimghu l-muzika fuq il-lant tax-xoghol u b’hekk wiehed ghandu jipprezumi, l-produzzjoni tmur ‘l quddiem u mhux lura. Jibqa pero’ il-fatt imbaghad li legalment il-konvenut nomine ma jistax jigi tenut li huwa responsabbli ghall-hlas ta’ penali fis-sens mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tirrespingi t-talbiet attrici kif dedotti, b`dana pero’ li, in vista tal-fatti specjali tal-kaz, il-kaz tal-ispejjez jibqa’ minghajr taxxa bejn il-kontendenti”.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

L-aggravju ta’ l-appellant nomine hu bazat fuq is-sottomissjoni li l-ewwel Qorti, fil-konfront u abbazi tar-rizultanzi kollha tal-kaz li kellha quddiemha, ingustament interpretat u applikat il-ligi b’mod wisq restrittiv u ghalhekk hazin, b’tali mod li tinkuraggixxi u taghti lok ghall-abbuz ta’ l-istess ligi, u dana kollu ghad-dannu konsiderevoli tas-socjeta’ attrici appellanti. Il-qofol kollu tal-vertenza kien jekk il-principal ghandux jitqies li jkun ittrasgredixxa huwa stess id-drittijiet ta’ l-awtur b’xogholijiet muzikali f’dan il-kaz permezz ta’ l-att restrittiv tal-“komunikazzjoni lill-pubbliku” ta’ tali xogholijiet muzikali) f’sitwazzjoni fejn l-istess principal jippermetti lill-impjegati tieghu sabiex idoqqu l-muzika fil-propjeta’ tieghu

permezz ta' apparat personali ta' l-istess impjegati li jkunu qeghdin hekk idoqqu l-muzika huma stess.

L-ewwel Qorti bis-sentenza appellata waslet ghall-konkluzzjoni li ma jidhirx li l-ligi tikkontempla dan il-kaz u, konsegwentement, il-konvenut appellat nomine ma setghax jigi ritenut responsabbli ghall-hlas ta' penali fis-sens mitlub. L-appellant nomine jissottometti li dik kienet interpretazzjoni restrittiva wisq tal-ligi u stieden lil din il-Qorti taghti nterpretazzjoni aktar favorevoli ghad-drittijiet ta' l-awtur li l-ligi kienet intenzjonata biex tissalvagwardja, u dana b'mod li tkun aktar konformi ma' l-ispirtu ta' l-istess ligi. L-appellant nomine jissottometti li l-ligi tirrikonoxxi zewg kwalitajiet ta' trasgressjoni ta' drittijiet ta' l-awtur, u cioe' dik diretta fejn l-att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur jigi mwettaq direttament mit-trasgressur, u dik indiretta fejn l-att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat bid-drittijiet ta' l-awtur, ghalkemm ma jigix imwettaq direttament minn persuna, dik il-persuna xorta wahda titqies li hija t-trasgressur ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Hu allura jissottometti li t-terminu "igieghel" fl-artikolu 13 (1) tal-Kap. 196 dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, ma kellux jigi nterpretat fis-sens li tinhtieg l-uzu ta' xi forza biex wiehed ikun jista' jitqies li huwa fil-fatt it-trasgressur ghalkemm l-att dirett tat-trasgressjoni jkun gie mwettaq minn persuna jew persuni ohra. "Il-ligi ghandha tigi dejjem interpretata l-ewwel nett

b'mod logiku u l-attur appellant nomine jinsab cert li din l-Onorevoli Qorti zgur li tapprezza hija wkll li ma kienx hemm ghalfejn li l-Legislatur jistipula fil-ligi illi min jigi mgieghel iwettaq xi att (din il-Qorti zzid, presumibilment kontra l-volonta' tieghu) ma jistax jigi tenut responsabbli hu ghal ghemilu, izda ghall-kuntrarju, ghandu jwiegeb dik il-persuna li tkun geghlitu jwettaq dak l-att".

Din il-kwotazzjoni mir-rikors ta' l-appell tissottolineja l-qofol ta' l-aggravju tas-socjeta' appellanti li ssostni li s-socjeta' konvenuta kellha tigi ritenuta responsabbli ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur bil-fatt biss li gie pruvat illi impjegati taghha, waqt il-hin tax-xoghol fil-fabbrika, daqqew muzika permezz ta' radju jew radji li setghu jinstemghu u allura jigu komunikati lil terzi. Il-kawza hi npernjata fuq interpretazzjoni tas-subinciz 1 ta' l-art. 13 tal-Kap 196, li fil-verzjoni Ingliza jaqra hekk:- "Copyright shall be infringed by any person <u>who does or causes any other person to do</u>, without a licence from the owner thereof, an act the doing of which, is controlled by copyright".

Is-socjeta' attrici tikkontendi illi d-daqq ta' muzika bil-mod kif gie ppruvat li sar fil-fabbrika tas-socjeta' konvenuta kien jirrikjedi fit-termini tal-Kap 196 "the copyright owner's licence …………….for any public performance of copyright music, as otherwise you would be infringing the Copyright Act". (Ara ittra datata 18 ta' Marzu, 1992, a fol. 57).

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: "Dr. Kevin Dingli et nomine versus Henry Hunt" deciza fit-22 ta' Jannar, 1992, hekk irriteniet:-

> "L-artikoli fundamentali ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti huma l-artikoli citati mill-Qorti tal-Prim'Istanza. L-artikolu 13 jistipula illi d-drittijiet ta' l-awtur jigu trasgrediti minn kull persuna li taghmel jew iggieghel lil haddiehor li jaghmel, minghajr licenzja att li l-ghemil tieghu huwa kkontrollat minn drittijiet ta' l-awtur.
>
> Dak li jikkostitwixxi tali att qieghed imbaghad elenkat fl-artikolu 7 fejn fost l-elenku ta' l-atti li jaghtu dritt ghal kontroll esklussiv hemm "ir-riproduzzjoni f'xi forma materjali, il-komunikazzjoni lill-pubbliku, ix-xandir jew xandir mill-gdid posterjuri tax-xoghol……".
>
> Il-ligi tipprotegi, mela, kull wiehed minn dawn l-ghemejjel separatament – kemm ix-xandir, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku. Ghalhekk jidher car illi x-xandir hu protett fih innifsu – u allura min ixandar ghandu bzonn licenzja, waqt illi x-xandara ricevuta u komunikata lill-pubbliku ukoll tinhtkieg licenzja;
>
> U din l-interpretazzjoni hija sorretta mill-fatt illi l-ligi espressament teskludi mill-htiega ta' licenzja l-ghemil ta' min jircievi xandira u jismaghha privatament (art. 7 (1) (a)) kif ukoll mid-definizzjoni tal-ligi tal-frazi "komunikazzjoni lill-pubbliku" fl-artikolu 2 fejn din jinghad illi tinkludi:-
>
> "kull mod ta' prezentazzjoni pubblika…..akustika…..".

Il-mertu ta' din il-kawza hu ulterjorment limitat ghall-interpretazzjoni tal-frazi fl-artikolu 13 li d-drittijiet ta' l-awtur jigu trasgrediti mhux biss minn kull persuna li taghmel minghajr licenzja xi att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur, imma wkoll minn kull persuna "li ggieghel lil haddiehor li (hekk) jaghmel". L-appellant nomine qed jikkontesta l-interpretazzjoni ristretta li l-ewwel Qorti lit-terminu "iggieghel", bl-ingliz "causes".

Din il-Qorti serja, fil-konsiderazzjoni taghha, tillimita ruhha ghall-interpretazzjoni tal-kelma fit-text ingliz "causes" ghaliex dan it-terminu hu kjarament aktar favorevoli ghat-tezi ta' l-appellant nomine. Infatti l-kelma iggieghel bil-malti ghandha konnotazzjonijiet ferm aktar grafici ta' influwenza jew forza fizika jew morali fuq il-volonta' ta' haddiehor biex dan jigi kostrett, fit-terminu wiesgha tal-kelma, biex jaghmel dak li ghal-ligi kien jikkostitwixxi trasgressjoni tad-drittijiet ta' l-awtur. Il-kelma "causes" fit-text ingliz m'ghandhiex ghall-Qorti l-istess enfasi u forza ghalkemm bazikament is-sinifikat u l-import taghha huwa sostanzjalment l-istess bhall-kelma "iggieghel" fit-text malti.

Din il-Qorti hadet iz-zmien taghha biex tippronunzja s-sentenza f'din il-kawza li l-attur nomine dikjarat iqis bhala test case ghaliex f'dan iz-zmien, il-legislatur kien qieghed jikkonsidra ligi gdida dwar il-jeddijiet ta'

l-awtur u l-Qorti dehrilha opportun u xieraq li tistenna l-approvazzjoni tal-ligi l-gdida propju biex tivverifika jekk id-disposizzjoni taht ezami kienetx ser tigi jew le emendata biex titqarreb aktar lejn dik li hi llum il-ligi fir-Renju Unit u li fuqha l-appellant nomine jissuggerixxi li din il-Qorti kellha tibbaza l-interpretazzjoni tal-ligi nostrana in materja.

L-izvilupp legislattiv pero' bl-ebda mod ma varja l-posizzjoni legali. Il-Kap 196 li kien applikabbli ghall-fatti taht ezami gie revokat u sostitwit bil-Copyright Act, Nru. XIII tas-sena 2000, li gie imdahhal fis-sehh b'avvizi legali tal-Minsitru responsabbli fil-25 ta' April, 2000, fl-14 ta' Awissu, 2000 u fl-1 ta' Jannar, 2001. Fl-Att il-gdid l-artikolu 13 tal-Kap 196 gie in effetti sostiwit bl-artikolu 42, pero' l-artikolu l-gdid fejn jirrigwarda t-termini taht ezami ma varjahom bl-ebda mod u f'dan is-sens limitat ma jistax jinghad li kien hemm xi zvilupp legislattiv. Is-subincis 1 ta' l-artikolu 42 ta' l-Att XIII tas-sena 2000 jaqra hekk:- "<u>Copyright,</u> neighbouring rights and sui generis rights are infringed by any person <u>who does or causes another person to do</u>, without a licence from the owner or holder thereof, an act the doing of which is controlled by <u>copyright</u>, neighbouring rights or sui generis rights". Hu allura sintomatiku li anke fl-Att il-gdid, il-legislatur ma jsegwix il-legislazzjoni ingliza u l-uzu tat-terminu "authorises" imma jirritjeni t-terminu l-antik "causes".

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-legislatur m'ghazilx li jsegwi l-izvilupp fir-Renju Unit, nonostante li kien hemm f'dak il-pajjiz, li fuq il-ligi tieghu certament gie modellat il-Kap 196, dibattitu shih dwar l-import tat-terminu "causes" u tat-terminu "authorises", li wassal ghal emenda specifika legislativa li giet konsidrata mehtiega anke wara diversi gudikati tal-qrati nglizi li ttantaw jaghtu interpretazzjoni estensiva, anke jekk mhux dejjem  konsistenti, tat-terminu "causes" biex jinkludi wkoll it-terminu "authorises".  Din id-decizjoni tal-legislatur malti kellha tigi moghtija l-valur taghha ghaliex kellu jigi prezunt li indubbjament kien konxju ta'  dan l-izvilupp fir-Renju Unit, kif ukoll tas-sinifikat limitat u differenti tat-terminu "causes" meta mqabbel mat-terminu "authorises". Is-segwenti riferenzi ghal testi nglizi  ghandhom jghinu fl-apprezzament ta' dan il-punt filwaqt li jigi notat li t-tibdil fil-ligi ngliza sar bil-Copyright Act <u>1911</u>.

"Questions have from time to right arisen with regard to liability of persons for infringements of copyright ……….other persons with whom they stand in some contractual or other relation…….Under the law <u>prior</u> to 1911 it was an infringement <u>to cause</u> a piracy  to be printed or represented and under the act of 1911, it was an infringement <u>to authorise</u> an infringing act.  This is in effect reproduced in the Act of

1956 since in Section 1 (1) copyright is defined as the exclusive right to do and “to authorise other persons to do” the various acts restricted by the copyright under the various provisions of the Act”……….. It was doubted in “Performing Rights Society vs Civil Syndicate” whether the word “authorised” in the Act of 1911 added anything to the law, but it has been held by the Court of Appeal in the case of “Falcon vs. Famous Players Film Co. (d) taht the new act overrules the decision in Karno vs. Pathé Frères and that anyone who “sanctions, approves or countenances” an infringement may be liable although the infringer is not his servant or agent”. (Law of Copyright Copinger and Skone James) 1958 p.159 et seq.

“This latter decision (“Karno vs. Pathé Frères”) which gave a very limited scope to copyright protection was critised and two years later the 1911 an Act was passed with the word “caused” replaced by the word “authorised”…….Authorising has been held to encompass cases where the defendant sanctions, approves or countenances an infringement commited by another …………… It is submitted taht a person may be said to authorise another to commit an infringement if the one has some form of control over the other at the time of infringement, or if he has no control, is responsible for placing in the other’s hands materials which, by their nature, are almost inevitably to be used for the purpose of the infringement”. (The Modern Law of Copyright Leddy, Prescott and

Victoria, 1980 p. 402 et seq.) Cirkostanzi dawn li kienu certament jinkwadraw fihom il-fatti tal-kaz taht ezami.

"Authorise" has been read as bearing its dictionary meaning of "sanction, countenance or approve". In line with these broad synonims it has been said taht "indifference exibited by acts of commission or ommission may reach a degree from which authorisation or permission may be inferred". (Intellectual Property: Patents, Copyright, Trade Marks and Allied Rights, Second Edition, W.R. Cornish, 1989 p.294 et seq. Definizzjoni din li certament ma tistax tigi applikata ghat-terminu "causes" li jimplika da parti tal-konvenut il-participazzjoni ferm aktar attiva fil-kommissjoni ta' l-att li jivvjola d-drittijiet ta' l-awtur.

"It will be seen from the wording of the provisions taht a person can infringe copyright either by doing one of the five restricted acts himself, or by "authorising" another to do so. To constitute an authorisation in copyright law it is necessary for a person to do more than facilitate the infringement of the other. Rather he must perform an act which makes it inevitable taht the other person will infringe. The leading case is now C.B.S. songs Ltd. vs Amstrad consumer Electronics p.l.c., (1988)……….Lord Templeman said "an ordinary person ……….assume taht an authorisation can only come from somebody having or

purporting to have authority and taht an act is not authorised by somebody who merely enables or possibly assists or even encourages another to do taht act, but does not purport to have any authority which he can grant to justify the doing of the act". (The Law Copyright Terrence Prime, 1992 p.94 et seq.) Jekk dan hu minnu ghat-terminu "authorises" multo magis kien hekk ghat-terminu "causes".

Din il-Qorti kkonsidrat li l-kaz taht ezami huwa divers minn kazijiet ohra fejn il-provi jkunu kjarament juru li d-daqq tal-muzika tutela f'hanut miftuh ghall-pubbliku, jew anke hanut tax-xoghol tkun qed issir minn min kien responsabbli ghat-tmexxija tan-negozju jew tkun minnu organizzata. F'kazijiet bhal dawk kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-att dwar il-copyright, nonostante illi gie sostnut li l-muzika kienet qed tindaqq ghall-privat. "Jekk fil-hanut jew restaurant tieghu izomm radio fil-private u dan ir-radju jkun jinstema' minn parti ohra tal-hanut jew restaurant li jkun accessibbli ghall-pubbliku, ma jistax jghid li dak ir-radju qieghed ghall-uzu tieghu privat. Il-muzika li tigi prodotta b'dak ir-radju ghandha tigi konsidrata bhala esegwita "in public" u ghalhekk hija suggetta ghad-disposizzjonijiet tal-copyright right" (Vol XXIX, P.II, p.210).

L-istess gie deciz f'kawza 'John Dingli noe vs. Colin A. Tabone et noe" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar, 1995. Din il-kawza si trattava ta' daqq ta' muzika tutelata f'fabbrika, pero' f'dan il-kaz il-komunikazzjoni lill-pubbliku, cioe' lill-impjegati ta' l-istess fabbrika, saret mhux biss bid-daqq ta' muzika b'mod regolari, imma wkoll irrizulta li l-fabbrika kienet attrezzata b'sistema appozita sabiex il-muzika tkun tista' tinstema' minn kull rokna taghha fejn ikun hemm il-haddiema. "Anke fil-kaz ta' esekuzzjoni ta' muzika moghtija f'fattorija limitata ghall-haddiema fil-hinijiet tax-xoghol gie ritenut li kienet *performance in public* ghax dawk il-haddiema kienu potenzjalment parti mill-pubbliku ta' l-awtur. (Ara Copinger and Skone James on Copyright p. 186-187)". (Vol. XLIII, P.I. p.144) (Ara wkoll John Dingli nomine vs. Charles Borg et deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Marzu, 1993 u ohrajn).

Id-diffikulta' f'din il-kawza temergi pero' mill-fatt illi ma tirrizultax il-prova univoka illi d-daqq tal-muzika fil-fabbrika saret f'cirkostanzi fejn il-konvenut nomine attivament ippartecipa fit-tixrid u l-komunikazzjoni lil haddiehor tal-muzika protetta.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li wassalha ghall-konvinciment li c-cirkostanzi ma kienux tali li jnisslu fiha l-konvinzjoni illi l-konvenut nomine "gieghel

lil haddiehor" li jittrasgredixxi d-drittijiet lill-awtur. Ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti, bazat ukoll in parte fuq il-gurisprudenza li ghailha saret hawn fuq riferenza, jidher ineccepibbli u ma kienx konsentit ghall-Qorti illi b'interpretazzjoni testendi l-applikazzjoni tal-ligi ghal sitwazzjonijiet li, kif juru c-cirkostanzi fuq spjegati, il-legislatur volutament ma riedx li tkun applikabbli ghalihom. Ghall-kuntrarju din il-Qorti targuwixxi illi l-legislatur, rinfaccjat b'sitwazzjoni ta' konflitt potenzjali bejn id-dritt fondamentali ta' l-individwu illi liberament jircievi l-espressjoni, anke muzikali, li haddiehor xtaq li jikkomunikalu u d-drittijiet legittimi ta' l-awtur/kompositur li jassigura l-hlas ta' dak lilu gustament dovut, ghazel illi jiffavorixxi d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni. Dan naturalment sakemm ma jkunx hemm il-prova konvincenti li d-daqq tal-muzika ma kienetx tiddependi mill-volonta' ta' min kien qieghed idoqqha ghall-gost u pjacir tieghu personali – kif jidher li setghet kienet fil-kaz taht ezami – imma kienet tiddependi fuq kollox mill-volonta' ta' min kien qieghed ihalliha u anzi jgeghlha tindaqq fil-lokal tieghu. Kien allura jinhtieg il-prova illi l-konvenut nomine, fil-kaz taht ezami, mhux semplicement naqas li jintervjeni biex waqqaf lil min kien qieghed idoqq il-muzika, imma li kien, ghall-kuntrarju, strumentali biex din tindaqq bil-mod kif indaqqet. Fin-nuqqas ta' tali prova din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti li ma kienux jirrizultaw adegwatament provati l-elementi mehtiega biex jigu applikati kontra s-socjeta' konvenuta id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Copyright. Anke jekk, kif gustament

osservat l-ewwel Qorti il-kaz kien jipprospetta incertezza u dubbju il pero', bl-applikazzjoni tal-principji generali ta' dritt in materja tal-komminazzjoni ta' penali u kommissjoni ta' reati, kellhom imorru favur min allegatament kien hati.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-prim'istanza kellhom jbqghu kif gew mill-ewwel Qorti decizi, u dawk ta' din l-istanza kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm